Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Ottubru 2025**
**(OR. en)**

**13860/25**
**ADD 1**

**DENLEG 51**
**FOOD 84**
**SAN 617**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 9 ta' Ottubru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | D(2025) 109574 annex |
| Suġġett: | ANNESSI<br>tar-<br>REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI<br>li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-użu tax-xellak (E 904) fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali f'forma ta' pilloli jew pilloli miksija |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D(2025) 109574 annex.

Mehmuż: D(2025) 109574 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
PLAN/2025/781 ANNEX
(POOL/E2/2025/781/781 EN
ANNEX.docx) D109574/02
[…](2025) XXX draft

ANNEXES 1 to 2

**ANNESSI**

**tar-**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-użu tax-xellak (E 904) fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali f'forma ta' pilloli jew pilloli miksija**

# ANNESS I

Fil-Parti E tal-Anness II, fil-kategorija tal-ikel 13.2 "Ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit mir-Regolament (UE) Nru 609/2013 (ħlief il-prodotti mill-kategorija tal-ikel 13.1.5)", l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn l-entrati għall-addittivi tal-ikel E 491-495 Esteri tas-sorbitan u E 950 Aċesulfam K:

"

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | E 904 | Xellak | 46 000 | | f'forom ta' pilloli jew pilloli miksija biss |

".

## ANNESS II

Fl-Anness, l-entrata għal "E 904 Xellak" hija emendata kif ġej:

(1) L-ispeċifikazzjoni "Definizzjoni" hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Definizzjoni | Ix-xellak huwa l-lak ippurifikat u bbliċjat, is-sekrezzjoni reżinuża tal-insett *Laccifer (Tachardia) lacca* Kerr (Fam. *Coccidae*). Ix-xema' titneħħa permezz tal-filtrazzjoni." |

;

(2) l-ispeċifikazzjoni "Deskrizzjoni" hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Deskrizzjoni | Xellak ibbliċjat mingħajr xema' — reżina granulari, amorfa ta' kulur abjad maħmuġ sa isfar ċar" |

;

(3) l-ispeċifikazzjoni "Xema'" hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Xema' | mhux aktar minn 0,2 %" |

.